MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 763/2007

**Panta Marketing & Services Limited (C 11233)**

**Vs**

**Ivory&Co Limited (C28560)**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ hemm TALBA biex is-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija, tmienja u hamsin lira u disghin centezmi (LM358.90) ghal xoghol fuq sistema ta' *airconditioning unit* – dana skond *job sheets* – Dok A u B.

Bl-ispejjes u l-imghax mid-data tal-hrug tal-*invoices*.

**Ra** r-RISPOSTA mfissra hekk:-

It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-drit u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici stante illi kwalunkwe ammont li talvolta jista jkun dovut mis-socjeta konvenuta in konnessjoni mat-tiswija tas-sistema ta' *airconditioning* ghandu jigi pacut mal-ammont dovut mis-socjeta' attrici versu s-socjeta' konvenuta rapprezentanti r-rifuzjoni ta' prezz ta' kompressur difettuz li gie installat f'wiehed mill-istess *airconditioning units* mis-socjeta' attrici u li qatt ma gie rimpjazzat minnha, nonostante illi hi giet interpellata biex taghmel dan u, fi kwalunkwe kaz, is-soccjeta' konvenuta m'ghandhiex tbati spejjez.

Kontestwalment ma din ir-risposta, is-socjeta' konvenuta qed tintavola proceduri quddiem dan it-Tribunal fil-konfront tas-socjeta' attrici ghar-rifuzjoni tal-prezz tal-kompressur difettuz u titlob illi dawn iz-zewg talbiet jinstemghu kontestwalment.

Ir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici qed jigu minn issa ngunti in subizzjoni.

**Ra** li b'rikors prezentat fl-14 ta' Dicembru 2007 (*a fol* 13) is-socjeta' konvenuta talbet li l-AVVIZ l-iehor imsemmi (TTZ/823/2007) jinstema kontestwalment mal-AVVIZ prezenti liema TALBA giet milqugha (*a fol* 14). Fl-udjenza tal-21 ta' Frar 2008 gie ordnat li l-atti tal-kawza 823/2007 ikunu nseriti fil-kawza odjerna.

II PROVI

1. **<u>Colin Sammut</u>**, *technician* mas-socjeta' attrici u meta s-socjeta' konvenuta kienet iccempel ghal xi hsarat, hafna drabi kienu jibghatu lilu. Il-hsarat aktarx kienu jkunu xi *leakages* tal-gas fl-*airconditioning units*. Meta darba kien hemm *leakages* go pajpijiet li jwasslu minn gewwa ghal barra huma biddluhom. Meta s-socjeta' konvenuta kienet bniet xi sular iehor sar spostament ta' *units* minn haddiehor bla ma huma kienu mgharrfa.

2. Is-socjeta' konvenuta kienet tibghat ghalihom fuq xi problema, anke wara l-estensjoni. Huma dejjem ghamlu

*job sheet* (li gew sussegwentement esebiti). Dwar is-socjeta' konventua, qal li hu kien jitkellem ma Josef Gauci jew wahda mill-impjegati tieghu.

3. **<u>Diego Attard</u>** jahdem bhala *accounts clerk* mas-socjeta' attrici. Kienu hargu zewg *invoices* rigward *copper piping* mitluba mill-klijent u kien hemm *quotation* firmata mill-klijent (is-socjeta' konvenuta). Fuq dawn iz-zewg fatturi ma saru ebda pagament.

4. **<u>Josef Gauci</u>**, direttur tas-socjeta' konvenuta, kien ordna l-*airconditioners*. L-ewwel kellu terran u mbaghad bena fuqu. L-*airconditioners* minn isfel telghu fuq.

5. Kellu *air conditioner* tan-nofs li ma bediex jiffunzjona u qalulu ma juzahx fix-xitwa halli mbaghad jibdlu l-kompressur u jtuh il-gas. Meta nbidel qalulu li ma kienx qed jahdem u kellu bzonn wiehed gdid. Meta kien qed jixhed (2/2/09) kien ghadu ma jahdimx

6. Qabel kienu jaghmlulu kollox huma izda mbaghad ma qabbadhomx izjed. Il-kompressur baqa fil-post kif hallewh tas-socjeta' attrici.

7. In kontro-ezami qal li minkejja li kien qed jigi ndikat lilu li skond id-Dok *a fol* 5 tal-AVVIZ 823/07 ma hemmx kopertura ta' garanzija "jiena nkompli ninsisti li ma nippretendix li jigi nstallat kompressur li ma jahdimx". Anqas kien jaf li kien sekonda mano.

8. Fl-istess gurnata li gie stallat dan l-*air conditioner* diga ma kienx ikessah u kien cemplilhom biex jigbdilhom l-attenzjoni. Baqa ma juzahx. Kienu rrikomadawlu ma juzahx fix-xitwa u kienu wara nbidlu xi pajpijiet izda kien ghalxejn.

9. **<u>Roger Camilleri</u>**, direttur ta' Clima Flow Air Conditioning Ltd. qal li Josef Gauci kien kellmu dwar problema fir-rigward ta' kompressur ta' *air conditioners* installat minn haddiehor. Hu, b'20 sena esperjenza fuqu, hejja rapport Dok RR1 (*a fol* 50). Dan jghid:-

*We have examined your Mitsubishi air conditioner and found out that the fault is due to a defective compressor. The compressor has a crack at the top of its shall that is causing the Freon to escape. This will obviously result in the air conditioning not cooling. We recommend that a new compressor is fitted so it is not possible to repair your existing one.*

10. Zied jghid li dan kien bla sadid u ma setax jghid li kien qed jintuza hafna. Ir-Rapport hu datat 25 ta' Settembru 2009.

11. Hawn it-TRIBUNAL jaghmel riferenza ghal dokument, firmat miz-zewg nahat, li jqisu relevanti u mportanti u li hu esibit bhala Dok A mar-RISPOSTA fl-AVVIZ 823/07. Dan hu ntitolat "Works on Air Condition, Quotation No: QS/366/05/AC", u jghid dan:-

*Total price for material and labour to effect work is LM552.00 addition VAT of LM99.36*

*Works quoted will be carried out to our best experience and knowledge however should any further works than quoted be necessary, will be charged accordingly. No guarantee will be covered on replacement of compressor.*

*Should the above price be to your satisfaction, kindly sign and return thereby confirming your acceptance.*

III KONSIDERAZZJONIJIET

It-TRIBUNAL wara li ha konjizzjoni ta' dak kollu mressaq quddiemu fiz-zew processi inkluzi id-dokumenti u b'mod partikulari tan-NOTI ta' Osservazzjonijiet taz-zewg nahat li huma tassew kopjuzi, iqis kif gej fir-rigward ta' kull kawza:-

1. Fl-ewwel lok irid jigi carat li hawn ghandna ftehim dwar xoghol (tiswija tas-sistema tal-*airconditioning*) u mhux semplici xiri ta' xi apparat. Dan iwassal biex jikkunsidra l-kawza fid-dawl tal-principji legali applikabbli ghal xoghol. Hemm ukoll il-principji ta' ekwita li t-

TRIBUNAL hu obligat li jqis fl-apprezzament tal-provi apparti fejn tidhol xi preskrizzjoni.

2. F'din il-kawza is-socjeta' konvenuta qed tghid u teccepixxi li "kwalunkwe ammont li talvolta jista jkun dovut mis-socjeta' konvenuta in konnessjoni mat-tiswija tas-sistema tal-airconditioning (enfasi tat-TRIBUNAL) ghandu jigi pacut mal-ammont dovut mis-socjeta' attrici versu s-socjeta' ecc." Sa hawn is-socjeta' konvenuta mhiex tichad il-kreditu imma ssemmi tpacija b'mod kondizzjonat.

3. Ta min isemmi li biex topera t-tpacija iz-zewg krediti jridu jkunu certi, likwidi u dovuti. Xejn izjed u xejn inqas. Issa hawnhekk, kif minftiehem bejn il-partijiet fiz-zewg kawzi li qed jigu trattati flimkien, dik odjerna 763/07 u l-ohra fl-ismijiet inversi 823/07, u kif accettat mit-TRIBUNAL, m'ghandniex *quantum* cert, likwidu u dovut li jrid jigi pacut ma *quantum* cert likwidu u dovut iehor, anzi ghandna kontestazzjoni qawwija fiz-zewg kawzi. Mela t-TRIBUNAL ma jista jaccetta ebda tpacija.

4. Meta jqis il-provi kollha migjuba quddiemu fiz-zewg kawzi it-TRIBUNAL ihoss li, fil-kawza li ghandu quddiemu ix-xoghol li kellu jsir mis-socjeta' attrici ma sarx a soddisfazzjon leggittmu tas-socjeta' konvenuta. Hawn ma tidholx xi fittagni jew xi xoghol jew servizz li jmur 'l hinn minn dak pattwit. Anqas ma hu l-kaz ta' xi difett zghir li ma jirrendix ix-xoghol kollu *ut sic* bhala inaccettabbli.

5. Ghalhekk, fil-fehma tat-TRIBUNAL gwidat ukoll, izda b'ebda mod esklusivament, minn principji ta' ekwita', l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici mhux gustifikat u mhux dovut. Fic-cirkostanzi tal-kaz, izda, ghandu jkun hemm temperament fejn jidhlu spejjes.

DECIZJONI

It-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) **jichad** i-talba kontenuta fl-AVVIZ u (2) dwar spejjes **jiddeciedi** li dawn jibqghu bla taxxa bejn il-kontendent b'mod li kull naha tbati hi l-ispejjes taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------